**IT-TRIBUNAL TAL-BINI U L-KOSTRUZZJONI**

**Illum l-25 ta' Lulju, 2023**

**Rikors numru: BCT/11/2023 BCT**

**Membri:**

Avukat Christopher L. Vella L.L.B., Dip. Not., LL.D.(Melit.)
Perit Samuel Formosa B.E.&A.(Hons), M.Sc. Arch.(Lond), M.Sc.(Env.Pln.& Mgt.), A.&C.E.
Inġ. Johan A. Psaila B. Eng. (Hons.), Pg. Dipl. (Brunel)

---

**George Attard**

**vs**

**Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni**

**It-Tribunal**

Ra r-rikors tal-appell ippreżentat mill-appellant innifsu, cioe' s-Sur George Attard fi 17 ta' April 2023 fejn huwa ppremetta u talab is-segwenti:

> *"Reference is made to the Administrative Penalty (BCA/P08/0040/2023) imposed upon me. I wish to contest this pursuant to the terms of the law.*
>
> *I am being fined for the below infringement:*
>
> *Xogħlijiet mhux awtorizzati barra mill-ħim permissibli mil-ligi/ Xogħlijiet fil-Ħdud u/ jew festi Pubbliċi*
>
> *I wish to point out that although work was carried out on a public holiday (31st March 2023), such work did NOT include chasing of any stonework or use of any heavy*

*machinery. In fact such work was occasioned by the fact that I needed to urgently place a missing stone slab on my façade in order to properly seal off my property.*

*The workman engaged in order to carry out such work informed me that he would not be making any noise or causing any particular inconvenience to anyone and in fact was engaged to place such pre worked stonework on the façade and leave. The inconvenience to any neighbours or to any pedestrians would have truly been minimal.*

*I strongly feel that the fine being imposed for such infringement is excessive and unjust and kindly ask you to reconsider it. From my end, I will endeavour to be more careful in the future and avoid any work carried out outside of permissible times."*

Ra r-risposta tal-Awtorità li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

*"Illi l-Awtorità appellata qegħda umilment tissottometti li kwalunkwe deċiżjoni meħuda kienet in konformita' ma dak rikjest mil-liġi, u kwindi korretta f'kull aspett;*

*Illi preliminarjament skont l-artikolu 6 tal-Kap. 189, kif magħdud mal-Kap. 490, l-appell intavolat kellu jkun kollu bil-lingwa Maltija stante li ma hemm l-ebda ordni jew raġuni legali sabiex l-lingwa tkun dik Ingliża kwindi tali appell għandu jiġi dikjarat bħala null;*

*Illi preliminarjament l-esponenti Awtorità qegħda tissolleva l-fatt li tali appell ma jikkonformax mad-detti tal-artikolu 44 tal-Kap. 623 u dan minħabba li l-appell ma huwiex akkumpanjat min kopja tad-deċiżjoni tal-Awtorità kwindi tali appell għandu jiġi dikjarat bħala null;*

*Illi mingħajr preġudizzju għal dak indikat preliminarjament, durante t-trattazzjoni tal-appell, r-rapreżenatanti tal-Awtorità appellata ser jkunu qegħdin jispjegaw f'iktar dettal il-fatti;"*

Ra sottomossjoni oħra ta' l-appellant, fejn ġie sottomess s-segwenti:

1. *Illi r-rikorrent qiegħed jagħmel referenza għad-dokument mibgħut mill- Awtorità tal-Bini u Kostruzzjoni, liema dokument hu anness u mmarkat bħala Dok 'A' u li jirreferi għall-Penali Amministrattiva illi r-rikorrent wehel fl-ammont totali ta' ħames mitt ewro (€500);*

2. *Illi l-Awtorità qiegħda tistqarr li saru xi xogħlijiet mhux awtorizzati fil-proprjeta' numru 3, Triq Stella Maris, Sliema, barra mill-ħin permissibli mil-liġi jew fil-Hdud jew Festi Pubbliċi;*

3. *Illi preliminarjament, ir-rikorrent qiegħed jagħraf il-fatt li għalkemm sar xi xogħol fil-wieħed u tletin (31) ta' Marzu tas-sena elfejn tlieta u għoxrin (2023) u cioe' f'Jum il-Ħelsien, qiegħed jistqarr li tali ġurnata hi festa nazzjonali u mhux waħda pubblika, u dan kif indikat f'Artikolu 2 tal-Att dwar il-Festi Nazzjonali u Btajjel Pubbliċi oħra, Kapitolu 252 tal-Liġijiet ta' Malta;*

4. *Illi jekk dan l-Onorabbli Tribunal jagħti interpretazzjoni mod ieħor u cioe' jikkunsidra li l-wieħed u tletin (31) ta' Marzu tissejjaħ ukoll festa pubblika, r- rikorrent jirrileva illi x-xogħol li sar, liema xogħol ikkonsista fi tqegħid ta' tliet gonot żgħar sabiex jorbot is-soll, kellu jsir b'urgenza biex jiġi assigurat li ma jkunx hemm ebda periklu għal kull min jgħaddi minn quddiem il-faċċata sabiex jiġi evitat l-possibilita' ta' konsegwenzi sussegwenti;*

5. *Illi r-rikorrent jistqarr ukoll li dan ix-xogħol li sar fuq il-faċċata ma ħax aktar minn tletin minuta biex jitlesta u ma kienx jirrikjedi tqattigħ, tkissir jew qtugħ ta' ġebel. Tant hu hekk, li ma kellux għalfejn jintuża makkinarju elettroniku li seta' jkun ta' inkonvenjent għal tal-madwar;*

Ra li fl-1 ta' Ġunju l-appellant ippreżenta affidavit fejn stqarr illi:

> *"Nhar il-wiehed u tletin ta' Marzu tas-sena elfejn u tlieta u ghoxrin (31.03.2023) saru xi xogholijiet fil- propjeta' numru tlieta (3), Triq Stella Maris, Sliema. Illi dawn l-istess xogholijiet kienu jinvolvu biss xoghol ta' lavur u cioe' xoghol ta' tqeghid ta' tlett gonot zghar sabiex jintrabat soll u li t-tali xogholijiet saru minghajr l-ebda makkinarju elettroniku li seta' b'xi mod ikun ta' inkonvenjent ghal-girien u/jew ghal-persuni tal-madwar, u dan skond ir-ritratti mehuda hawn annessu u mmarkati dokumenti 'A', 'B'u 'C'. Illi dan ix-xoghol sar f'Jum il-Helsien u cioe' f'festa nazzjonali stante illi x-xoghol li kellu jsir kien wiehed ta' urgenza u dan sabiex jigi assigurat li ma jkun hemm l-ebda periklu ghal kull min jghaddi minn quddiem din il-propjeta".*

Għalhekk, ir-rikorrent qiegħed jitlob umilment lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jibdel d-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Bini u Kostruzzjoni rigward il-multa.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra l-verbali tas-seduti kollha li seħħew quddiem it-Tribunal.

Ra d-deposizzjonijiet tax-xhieda kollha li tressqu quddiem it-Tribunal.

Ra li l-partijiet iddikjaraw l-istadju tal-provi tagħhom magħluq.

Semgħa it-trattazzjonijiet finali tal-partijiet.

Ra li fis-seduta tal-1 ta' Ġunju 2023, l-kawża tħalliet għall-llum għas-sentenza.

***Ikkunsidra:***

Dan l-appell jitratta dwar multa imposta mill-Awtorità intimata minħabba li saru '*Xogħlijiet mhux awtorizzati barra mill-ħin permissibli mil-liġi/ Xogħlijieit fil-Ħdud u/jew festi Pubbliċi.*

L-Awtorità teċepixxi eċċezzjoni li hija ta' natura preliminari u li għalhekk jeħtieġ li tiġi indirizzata l-ewwel.

Għar-rigward tal-eċċezzjoni fejn l-Awtorita qegħda teċepixxi li r-rikors kellu jiġi intavolat bil-lingwa Maltija, u mhux Ingliza *ai termini* tal-artikolu 6 tal-Kap. 189 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal ma jqiesx it-tali artikolu bħala rilevanti għall-funzjonijiet tat-Tribunal kif stabbilit u għaldaqstant ser jgħaddi sabiex jiċħad it-tieni eċċezzjoni imqajma mill-Awtorità appellata.

Għar-rigward tal-eċċezzjoni numru tlieta u li permezz tagħha qiegħed jiġi eċċepit li l-appell kif intavolat ma huwiex konformi mad-dettami tal-artikolu 44 tal-Kap. 623 tal-Liġijiet ta' Malta, in vista tan-nuqqas ta' kopja tad-deċiżjoni, filwaqt li t-Tribunal jisħaq u jesiġi fuq l-importanza li kull element ta' artikolu 44 tal-Kap. 623 tal-Liġijiet ta' Malta għandu jiġi rispettat, dan it-Tribunal ipoġġi s-sustanza fuq kwalunkwe formalitajiet u għaldaqstant ma jarax li għandha tintlaqa l-eċċezzjoni numru tlieta.

It-Tribunal jinnota li f'waħda mis-sottomissjonijiet tiegħu, l-Appellant jirrileva li il-ġurnata tal-31 ta' Marzu ma hijiex "festa pubblika" *ai termini* tal-Kap. 252 tal-Liġijiet ta' Malta. It-Tribunal eżamina bir-reqqa il-liġijiet applikabbli f'dan ir-rigward u jqis li din is-sottomissjoni m'għandhiex mis-sewwa. It-tielet skeda tal-leġislazzjoni sussidjarja 623.08 tistipula li ebda xogħlijiet ta' kostruzzjoni m'għandhom isiru fil-Ħdud u l-festi pubbliċi b'dan li d-disa' skeda

tiffissa penali amministrattiva minima ta' ħames mitt euro (€500) u penali amministrattiva massima ta' elfejn euro (€2,000) għal kwalunkwe ksur ta' dan ir-regolament. Il-Kap. 252, l-Att dwar il-Festi Nazzjonali u Btajjel Pubbliċi oħra, joħloq distinzjoni bejn dawk li huma 'Festi Nazzjonali' u dawk li huma 'Btajjel Pubbliċi' fejn f'artikolu 2 tiegħu huwa rikonoxxut li l-wieħed u tletin ta' Marzu, 'Jum il-Ħelsien' huwa meqjus bħala 'Festa Nazzjonali'. Artikolu 3 tal-istess Att ikompli jżid li:

> *3.Il-Festi Nazzjonali jkunu btajjel pubbliċi u f'dawk l-okkażjonijiet għandha tittajjar il-Bandiera Nazzjonali ta' Malta fuq il-bini pubbliku.*

It-Tribnal iqis li l-ġurnata in kwistjoni u ċioe' dik tal-31 ta' Marzu, hija meqjusa bħala btala pubblika u għaldaqstant hija in linea ma' dak li ried il-leġislatur bil-leġislazzjoni sussidjarja 623.08 f'li jirreferi għaliha bħala festa pubblika.

Fil-mertu, it-Tribunal jinnota li kif maqbul bejn il-Partijiet fis-sottomissjonijiet orali tagħhom ix-xogħol in kwistjoni huwa xogħol ta' natura minima fuq il-faċċata tas-sit in kwistjoni. Skond l-affidavit tal-appellant dan ix-xogħol kien jinvolvi biss "*xogħol ta' lavur u cioe' xogħol ta' tqegħid ta' tlett ġonot żgħar sabiex jintrabat soll.*" L-appellant argumenta illi dakinhar l-attivita li kienet qiegħda issir ma kienitx tikkwalifika bħala "kostruzzjoni" skond id-definizzjoni mogħtija fil-Leġislazzjoni Sussidjarja 623.08. ,It-Tribunal ta ħarsa lejn id-definizzjoni li jagħti l-Kap. 623 għal dak li jikkwalifika bħala kostruzzjoni:

*"kostruzzjoni" tfisser kwalunkwe att jew operazzjoni ta' inġinerija meħtieġa għal jew relatata mat-titjib tas-sit, it-tlugħ, l-estensjoni, it-tibdil, it-tiswija ta' bini jew struttura u "mibnija" għandha tinftiehem f'dan is-sens;*

It-Tribunal jinnota li l-leġislatur wera r-rieda li tingħata definizzjoni wiesa' għal dak li għandu jikkwalifika bħala "kostruzzjoni" u t-termini użati huma intenzjonati propju sabiex iservu dan il-għan. Minn evalwazzjoni tal-provi it-Tribunal jista' faċilment jasal għall-konklużjoni li dak li kien qiegħed iseħħ mill-appellant, minimu kemm huwa minimu jikwalifika taħt din id-definizzjoni b'mod speċifiku taħt dak li l-liġi tirreferi għalih bħala "tibdil" u "tiswija". Fid-dawl ta' dan, kiefra kemm hija kiefra l-multa u filwaqt li jista' jifhem il-frustrazzjoni tal-appellant lejn l-ammont tal-multa meta kkumparat max-xogħlijiet li kienu qiegħdin isiru, it-Tribunal japprezza li dak impost mill-Awtorità Appellata kien il-minimu skond il-liġi.

Għaldaqstant it-Tribunal ser jgħaddi sabiex jiċħad l-appell.

**Decide**

Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet kollha msemmija hawn fuq, it-Tribunal qiegħed jiċħad l-appell tal-appellant George Attard u jikkonferma l-multa imposta tal-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni datata 6 ta' April 2023, li permezz tagħha imponiet multa ta' ħames mitt ewro (€500.00) minħabba li kienu saru xogħlijiet mhux awtorizzati ġo festa Pubblika ai termini tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 623.08.

| | | |
|---|---|---|
| **Dr Christopher L. Vella** | **Perit Samuel Formosa** | **Inġ. Johan A. Psaila** |
| Chairperson | Membru | Membru |